MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2014

Numru. 54/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs.**

**Anthony Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Anthony Zammit**, iben Alfred u Josephine neé Delia, mwieled Pietà, nhar is-7 ta' Novembru 1977 u residenti gewwa "Dream Flat", Flat 1, Triq l-Iklin, Ghaxaq u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 580177 (M), akkuzat talli:

1. nhar is-6 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tal-11.00hrs gewwa Msida, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor fil-periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Gaser Salman Darman (I.D. Nru. 46069(A)), mwieled l-Iraq nhar l-10 ta' Settembru 1978 u residenti gewwa Seaview Court, Flat 8, Triq San Gorg, San Giljan.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SB 6" – *a fol.* 15).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 5).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xiehda moghtija mill-imputat u x-xhieda mressqa minnu.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 67 *et seq.*).

Rat id-Digriet taghha tas-17 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 71).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed **PS 1268 Ivan Caruana** (*a fol.* 5a *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebiet u mmarkat bhal Dok. "IC 1" (*a fol.* 6 *et seq.*). Jghid li mar fuq il-post tal-akkadut u gie milqugh minn certu Emanuel Abdilla li qal li ra lil certu Gaser b'sikkina f'idu jippontaha lejn Gino Camilleri u, dan Camilleri qabad pala tal-bennejja f'idu biex jiddefendi ruhu, Gaser ipponta s-sikkina lejn l-imputat li tah daqqa ta' ponn (l-imputat lil Gaser).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Gaser Salman Darman** (*a fol.* 8a *et seq.*) fejn qal li kien jaghmel xi xoghol mal-imputat li qal xi kliem fuq il-mara tieghu (ta' Gaser), fis-sens li gie li kellu relazzjoni intima maghha, u b'hekk iddecieda li ma jibqghax jahdem mal-imputat u mar biex jigbor il-flus li kien ghad fadallu jithallas u Gino Camilleri qallu li meta jkollhom il-flus ihallsuh u jghid: *"Qabdu [Gino Camilleri u l-imputat] jaghtuni, lanqas jaghtuni c-cans gifieri, mort biex nitlobhom l-flus tieghi"* (*a fol.* 8b). Jghid li l-imputat beda jaghtih l-ewwel. Jixhed li dan tah daqqiet fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu. Jghid li l-imputat qabez minn fuq il-hajt u gab il-pal. Jispjega li baqa' fuq il-post jistenna sakemm marru l-Pulizija. Jghid li thallas biss meta kienu gejjin il-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk meta hu mar fuq il-post kellux xi haga f'idejh, iwiegeb fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u>, ighid li Gino Camilleri wegga' subajgh waqt il-glieda. Jichad li hu (Gaser) kellu xi mus f'idejh waqt il-glieda. Jichad li ta bil-mus lil Gino Camilleri.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 8f *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu. Jixhed rigward l-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-imputat qallu li Gaser aggredihom b'mus u kien ghalhekk li l-imputat hass il-htiega li jiddefendi lilu nnifsu dak il-mument li kien aggredit bil-mus. Jghid li nghad li Gino Camilleri allegatament intlaqat bil-mus. Ezebixxa certifikat mediku (Dok. "SB 2" – *a fol.* 11). Ikkonferma li Gino Camilleri kien mal-imputat fil-hin tal-akkadut. Jghid li l-allegata sikkina *ossia* mus baqghet ma nstabitx.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2012, xehed **Dr. Michael Gonzi** (*a fol.* 19 *et seq.*) li filwaqt li ghamel riferenza ghal *casualty note* (*a fol.* 9) ghamel riferenza ukoll ghac-certifikat mediku rilaxxat minnu (*a fol.* 11). Ikkonferma l-kontenut tac-certifikat rilaxxat minnu li fuqu kiteb x'kienu l-griehi sofferti mill-parti leza. Jixhed li klassifika l-griehi bhala gravi. Ta' minn jinnota li fic-certifikat rilaxxat minnu, Dr. Gonzi jindika li klassifika dawn il-griehi bhala gravi minhabba sfregju.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, xehed **Michael Oluwfamei Tewogbola** (*a fol.* 29 *et seq.*) li spjega kif il-parti leza kien talbu sabiex imur mieghu sabiex igib xi flus peress li kellu xi argument ma' tnejn Maltin. Spjega kif marru hdejn l-Università, u setgha jara tlitt minn nies jahdmu u li l-parti leza qal li kien mar biex jiehu flusu. Jixhed li f'daqqa wahda zewg persuni marru hdejn il-parti leza. Spjega li wiehed minn dawn il-persuni kien l-imputat u li l-parti leza kellu argument mal-

imputat u ma' persuna ohra. Jixhed li dawn iz-zewg persuni dehru aggressivi. Jixhed: *"I think he was really mad at Yasser, when I clarified myself that I didn't come to fight he kind of spoke with me, and then the argument came off again"* (*a fol.* 30). Mistoqsi jghid jekk rax lil xi hadd li agixxa b'tali mod li l-parti leza spicca kif spicca, iwiegeb: *"As I told you the three were struggling, when he faced me I didn't realise I was talking to him, then I saw a big bruise and he told me one of them hit me"* (*a fol.* 31). Jghid li l-imputat f'idejh kellu ghodda twila madwar 30 centimetru.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-parti leza u hu huma hbieb u li kienu jaghmlu l-istess xoghol. Mistoqsi jghid jekk hux possibbli ghalih ighid min ta daqqa lil parti leza f'wiccu, wiegeb fin-negattiv. Jikkonferma li t-tlitt persuni li semma kienu qed jahdmu fil-mument li hu u l-parti leza marru hdejhom. Jghid li ma rax lil parti leza jgorr sikkina jew *penknife*.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehed l-imputat **Anthony Zammit** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn qal li l-parti leza kien jahdem mieghu u li dan iddecieda li ma jibqax imur aktar ghax-xoghol u hu (Zammit) qallu biex imur ghall-paga. Spjega li l-ghada mar ghax-xoghol u li flimkien mieghu kien hemm certu Gino Camilleri. Jixhed li filwaqt li hu (Zammit) huwa bennej, Camilleri xoghlu huwa fuq il-magna. Jghid li f'daqqa wahda mar il-parti leza ta daqqa ta' ponn fuq il-magna li kien hemm fuqha Camilleri, il-magna ntfiet u l-parti leza talbu l-flus, Camilleri dar fuqu (fuq Zammit) u hu (Zammit) kkonferma li kellu l-flus u hekk kif hu (Zammit) mar u ta l-flus lill-parti leza, il-parti leza hareg mus minn gol-but. Jghid li l-parti leza talbu s-*safety shoes* u li hu (l-imputat) talbu l-flus tad-*diesel* peress li kien imur ghalih kuljum Wied il-Ghajn, u jkompli jghid: *"u qabad, kif hareg il-mus, ha jaqbad ixejjer bih, capcaptlu daqqa ta' ponn"* (*a fol.* 43). Jghid li l-parti leza beda jxejjer il-mus lejn wiccu. Jispjega li

meta l-parti leza beda jxejjer il-mus, il-parti leza laqat lil Gino Camilleri f'subghajh. Spjega: *"kif hareg il-mus ha jaqbad ixejjer, pumm, capcaptlu d-daqqa ta' ponn mill-ewwel"* (*a fol.* 44). Jghid li kienu fit-tarf iqieghdu l-gebel u li fil-genb fejn kien hu kien hemm tlitt sulari gholi. Jghid li l-pal kien fuq il-hajt u mistoqsi jghid ghala tah daqqa ta' ponn u mhux daqqa ta' pal lill-parti leza, iwiegeb li l-pal ma kienx f'idu.

In kontro-ezami mistoqsi jikkonfermax li l-argument ma kienx minhabba l-flus pero minhabba l-mara tieghu, l-imputat jichad. L-imputat ikkonferma li jaf lill-mara tal-parti leza. Jghid li kien hemm zmien fejn hu u l-mara tal-parti leza kienu hbieb. Jghid li ta daqqa ta' ponn wahda lill-parti leza. Ma jafx jekk il-parti leza kellux griehi f'wiccu meta tah daqqa ta' ponn. Jghid li jista' jkun li Gino Camilleri kellu l-pal f'idu. Mistoqsi jghid jekk il-parti leza kellux xi demm f'wiccu, iwiegeb li ma tax kaz. Jghid li l-persuna li kien mal-parti leza ferraqhom.

In ri-ezami jghid li l-gurnata ta' qabel il-parti leza cempillu u beda jheddu u qallu: *"Jiena nigi u noqtlok u nwaddbek ghal isfel"* (*a fol.* 47).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013, xehed **Gino Camilleri** (*a fol.* 54 *et seq.*) li spjega li l-parti leza kien jahdem maghhom u kienu ftehmu mieghu li jhallsuh. Jghid li l-parti leza mar fuq il-lant tax-xoghol, ta daqqa ta' ponn fuq il-magna u tfieha. Jixhed li mar l-imputat biex ihallsu u wara li hallsu, il-parti leza baqa' jiggieled mal-imputat ghas-*safety shoes*. Jghid li f'dan il-hin kienu fil-parti tax-xifer tas-sit. Jghid li l-parti leza u l-imputat bdew jiggieldu u jargumentaw u f'daqqa wahda l-parti leza hareg mus u l-imputat tah daqqa ta' ponn. Jghid li ra lill-parti leza johrog

dan il-mus u li hu (Camilleri) spicca milqut bih fit-tarf ta' subghajh. Jghid li l-mus ma nstabx.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma jafx min hi l-mara tal-parti leza. Ma ghandux idea jekk l-imputat kienx jaf il-mara tal-parti leza. Jghid li din il-persuna qatt ma ssemmiet. Jghid li l-parti leza mar ghal flusu rrabjat. Jghid li l-imputat beda jghid lill-parti leza li biex jaghtih is-*safety shoes*, hu (il-parti leza) kellu jhallsu talli l-imputat kien joqghod iwasslu Wied il-Ghajn. Jghid li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-parti leza wara li dan hareg il-mus. Jixhed li l-imputat ma kellu xejn f'idejh. Jghid li hu (Camilleri) kellu l-pal f'idu.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **Manuel Abdilla** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn qal li l-parti leza mar u tefa' l-magna u talabhom ihallsuh. Jghid li l-parti leza thallas u l-parti leza rega' tefa' l-magna u qal lill-imputat biex jaghtih is-*safety shoes*. Jghid li f'hin minnhom il-parti leza hareg mus u l-imputat prova jahrab u kien ser jaqa' zewg sulari u nofs jew tlieta u tah daqqa ta' ponn. Jghid li dahal bejniethom ghax il-parti leza kellu l-mus. Jghid li l-parti leza wegga' lil Gino Camilleri. Jixhed li kieku l-imputat ma qabizx biex jiddefendi ruhu, kien jaqa' ghal isfel.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat kien qieghed fuq it-tavluna u li l-parti leza kien sejjer lejh. Jghid li l-imputat kien qed ipoggi l-gebel u li Gino Camilleri kien qed jaqta' fuq il-magna. Jixhed li l-imputat lill-parti leza ma attakkahx bil-pal.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna griehi gravi fuq il-persuna tal-parti leza li ghamel zmien jahdem mieghu.

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li l-imputat u x-xhieda prodotti minnu jghidu li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-parti leza wara li dan hareg mus ghalih, il-parti leza jghid li hu ma kellu l-ebda mus. Dak li qal il-parti leza rigward il-mus qalu wkoll ix-xhud prodott minnu. Ghandu jinghad li dan il-mus baqa' ma nstabx.

Illi l-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- Il-parti leza (*a fol.* 8a *et seq.*) jghid li Gino Camilleri u l-imputat qabdu jaghtuh meta mar biex jitlobhom il-flus u li anqas tawh cans. Jghid li ma kellu xejn f'idejh meta mar fuq il-post. Jichad li ta bil-mus lil Gino Camilleri.

- Michael Oluwfamei Tewogbola (*a fol.* 29 *et seq.*) spjega kif il-parti leza kellu argument mal-imputat u ma' persuna ohra. Jghid li ra lill-imputat b'ghodda twila madwar 30 centimetru f'idejh. Mistoqsi jghid jekk hux possibbli ghalih ighid min ta daqqa lil parti leza f'wiccu, wiegeb fin-negattiv.

- L-imputat Anthony Zammit (*a fol.* 42 *et seq.*) jghid li f'daqqa wahda mar il-parti leza ta daqqa ta' ponn fuq il-magna li kien hemm fuqha Camilleri, il-magna ntfiet u hekk kif hu (Zammit) mar u ta l-flus lill-parti leza, il-parti leza hareg mus minn gol-but. Jispjega li hekk kif hareg il-mus u kien ser jaqbad ixejru, l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-parti leza. Jghid li ta daqqa ta' ponn wahda lill-parti leza. Jixhed li jista' jkun li Gino Camilleri kellu l-pal f'idu. Dak li qal l-imputat quddiem il-Qorti huwa fuq l-istess linji bhal ma huwa qal lill-Pulizija meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "SB 3"- *a fol.* 34 *et seq.)* ghajr ghall-fatt li fir-rigward tal-pal, fl-istqarrija tieghu l-imputat qal hekk: *"Wara dan Gino qabad*

*il-pal […] u beda jxejjru u jghid lil Gaser li jekk jersaq 'l hemm kien ser jaqla' daqqa bih. Minn dak il-hin Gaser warrab u telaq ftit metri l-boghod u waqaf kollox hemm sakemm gew il-Pulizija"* (*a fol.* 35).

Illi jezistu diversi divergenzi bejn ix-xiehda moghtija mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u x-xiehda moghtija mix-xhieda prodotti mid-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Ma jirrizultax sodisfacentement pruvat jekk il-griehi sofferti mill-parti leza gewx kagunati bid-daqqa ta' ponn li huwa gie moghti mill-imputat jew jekk gewx kagunati bil-pal. Minkejja dan, minn harsa u qari tac-certifikati medici (*a fol.* 9 u *a fol.* 11)) u mid-depozizzjoni moghtija minn Dr. Michael Gonzi rigward ic-certifikat mediku rilaxxat minnu, il-Qorti hija tal-fehma li l-griehi sofferti mill-parti leza ma gewx kagunati minn daqqa ta' ponn.

- Anqas ma jirrizulta pruvat jekk il-pal kienx verament ghand Gino Camilleri jew inkella ghand l-imputat.

- Il-parti leza jghid li l-imputat u Gino Camilleri qabdu jaghtuh. Apparti l-fatt li l-parti leza jghid li kien l-imputat li beda jaghtih l-ewwel u jsemmi wkoll li gab il-pal, ma jirrizultax ezatt biex graw il-griehi sofferti minnu.

- Minkejja li Michael Oluwfamei Tewogbola, ix-xhud prodott mill-Prosekuzzjoni, li mar mal-parti leza fuq il-post tax-xoghol, ighid li l-imputat u siehbu (Gino Camilleri) dehru aggressivi, ma kienx possibbli ghalih ighid jekk rax lil xi hadd li agixxa b'tali mod li l-parti leza spicca kif spicca.

- Minkejja dak li ghadu kemm inghad, kieku, ghall-grazzja tal-argument, gie pruvat li l-griehi sofferti mill-parti leza gew kagunati bid-daqqa ta' ponn tal-imputat, u f'kaz li l-verzjoni tal-mus *da parte* tad-difiza kellha titwemmen, id-difiza setghet tinvoka l-legittima difesa tal-imputat. Pero l-Qorti mhijiex ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward dan peress li kull ma nghad f'dan il-paragrafu huwa kollu ipotetiku.

Illi wara li l-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad hawn fuq m'hijiex f'pozizzjoni tasal ghal liema verzjoni hija wahda kredibbli u veritjiera u ghalhekk il-Qorti tinnota li hemm konflitt fil-provi li johloq dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-Gudikant jekk il-fatti sehhewx verament kif jallega l-parti leza. In vista ta' dan, il-Qorti tara li ma jkunx *safe and satisfactory* li ssib htija tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti ssegwi l-insejament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija minnha fil-5 ta' Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Farrugia**.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Anthony Zammit hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------